# IL-BIDWI

FOLJU MAHRUĠ DARBTEJN FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA

Editur, G. Zammit-Marmarà M.B.E

Nru. 62 IL-ĠIMGHA, IL-15 TA' ĠUNJU, 1945. Nru. 62

## IL-BIEDJA U L-PROGRESS

(R. BIASINI, DIRETTUR TAL-BIEDJA).

*WIEHED mill-punti l-iżjed impurtanti li l-bidwi għandu jħabbel rasu fuqu hu kif jista' jieħu prodott ikbar mill-art li għandu taħt idejh. Kemm jekk dan ifisser demel iżjed, kultivazzjoni aħjar, kura ikbar u ħarsien mill-mard u mill-insetti jew ħwejjeġ oħra, il-fatt biss li inti tieħu prodotti iżjed bil-kotra u itjeb milli kont tieħu qabel ifisser progress fil-biedja—ifisser illi inti għaddej il quddiem.*

*Il-kwantità ta' raba' li għandna f'dawn il-Gżejjer huwa limitat, u dana ma jħallix illi bidwi li jkun irid jieħu raba' iżjed isib jinqeda, u b'hekk ġara illi kull missier kien iqassam lil uliedu biċċa mir-raba' li għandu hu; l-ulied jiżżewġu u jerġgħu jagħmlu l-istess, u b'hekk l-oqsma tar-raba' li fihom infishom kienu ġà bizżejjed żgħar komplew ċkienu. L-industrja tal-bini kompliet ukoll ċekknet ir-raba' tal-pajjiż, u għalhekk naslu biex nammettu illi aħna nistgħu biss nieħdu prodotti iżjed mir-raba' billi nikkultivawh aħjar.*

*L-ewwel pass li jiħtieġ illi jittieħed mill-bdiewa hu li ma jħallux il-prodotti jispiċċaw fix-xejn imħabba l-mard. Huwa inutili li wieħed ikompli jikkultiva r-raba' bħalma kienu jikkultivawh nannietna. Dak kien żmien meta wisq ftit konna nafu bil-mard. Iż-żminijiet tbiddlu u jiħtieġ li aħna nitbiddlu magħhom ukoll.*

*Li kieku ħaġa tista' tkun li nqajmu lil wieħed minn nannietna li ilu mejjet erbgħin sena, dana jibqa' mibluh meta jara l-progress kbir li sar fid-dinja; progress fil-baħar, taħt il-baħar, fl-art, fl-ajru, fil-bini, fil-fabbriki, fil-kura tal-mard, u x'naf jien. Bħalma sar progress f'kull sengħa, hekk ukoll sar progress fil-biedja. Il-bidwi li jwaħħal f'rasu li jrid jibqa' bħall-antiki, ma jista' qatt itejjeb il-posizzjoni tiegħu u ta' wliedu. Jiħtieġ illi l-bidwi jisma' minn dawk in-nies illi għamlu żmienhom jistudjaw biex itejbu senegħtu.*

*Bħala eżempju nista' nsemmi l-kas tal-bergħud f'dan l-istaġun. Il-bergħud deher bil-kotra u ħafna bdiewa flok ma fittxew irmedju ħallew dan l-insett jeqred ix-xitel kollu, żergħu u reġgħu żergħu, u frattant il-bergħud dejjem jiżdied b'dannu kbir għalihom u għall-bdiewa sħabhom, fil-waqt li dan seta' ġie meqrud minnufih b'mistura tan-Nikotina. Rimedji għalih il-lum hawn ħafna u l-bdiewa jafu bihom. Il-mard u l-insetti tal-prodotti jidhru weħidhom, iżda ma jinqerdux weħidhom.*

*Mela ejjew nimxu 'l quddiem mad-dinja fil-progress li sar fil-kultivazzjoni tal-prodotti. Meta d-Dipartiment tal-Biedja jirrikkmanda xi ħaġa, sinjal li hu jkun żgur li din hi tajba u li ġiet bizżejjed ippruvata qabel. Meta l-Gvern għall-ġid tal-Biedja u tal-pajjiż kien beda jżid ir-raba' saqwi, il-bdiewa stess kienu bdew igemgmu—forsi għax ħarsu lejn il-ftit xelini li riedu jħallsu kull sena bħala kiri tal-kanni u tax-xogħol—iżda l-lum kollha jafu kemm swielhom dak id-daqsxejn ilma li l-Gvern ressaq fir-raba' tagħhom! Ġid għalihom u għall-pajjiż.*

*Il-biedja għamlet progress f'kollox, u aħna jiħtiġilna nimxu maż-żmien.*

## TORBIJA TAL-FNIEK

(Henry J. Mifsud, F.Z.S., M.B.R.C.)

Il-lum sejjer ngħid xi ħaġa dwar il-korriment tal-fenka, u x'nistgħu nagħmlu biex kemm jista' jkun niskansawh.

Il-fenka tkorri l-istess ħaġa bħalma jista' jkorri kull annimal ieħor, meta dan jiġi biex iferragħ, imma l-fenka aktarx li hija waħda mill-iżjed annimali soġġetti għal dan il-korriment. Il-korriment tal-fenka aktarx li jkun kaġun ta' waħda jew iżjed minn dawn l-affarijiet: (a) Eżerċizzju żejjed; (b) Eċċitament kbir; (ċ) Qbiż mill-għoli; (d) Tbagħbis tal-fenka bla bżonn; (e) Mard internali.

Ngħandniex xi ngħidu, dawn l-eżempji li tajna hawn fuq igħoddu għal meta l-fenka tkun imgħammra, u mhux fi żminijiet oħra. Mela għalhekk, għandna dejjem noqogħdu attenti biex ma nħallux il-kawżi li semmejna jissuċċiedu u hekk il-fenka tferragħ b'wiċċ il-ġid.

In-numru ta' żrameġ f'boton ivarja minn 1 sa 13, għalkemm btan ta' 14 jew 17 m'humiex rari. Issa meta n-numru jkun kbir, jiġifieri iżjed minn ħamsa jew sitta, hemmhekk allura wieħed għandu joqtol l-iżjed żrameġ żgħar u debboli, u jħalli l-aħjar sitta.

Iż-żrameġ jitwieldu bla pil, għajnejhom magħluqa u aktarx torox ukoll. Sa ħmistax jew għoxrin ġurnata dawn ikunu b'għajnejhom imwaħħla jew issiġillati, u sa dan iż-żmien ukoll ikunu għadhom fil-bejta.

Minn xi drabi, meta nsibu xi żarmuġ barra mill-bejta (u dan joħroġ aktarx b'kumbinazzjoni) għandna nieħdu ħsiebu u nqegħduh ma' l-oħrajn.

Ħafna nies jagħmlu żball kbir billi meta l-fenka tagħhom tferragħ dawn ma jagħtux kas taż-żrameġ għax jibżgħu li jekk jarawhom dawn jiksħu jew inkella toqtolhom ommhom. Ma għandniex xi ngħidu ,tbagħbis bla bżonn m'huwiex tajjeb, imma għallinqas wieħed għandu jarahom darba kulljum sakemm jiġu biex joħorġu mill-bejta, għal xi fenek mejjet.

Niftakru wkoll li fenek wieħed mejjet fil-bejta huwa bizżejjed biex ikun kaġun tal-qirda tal-boton kollu.

Meta nkunu sa neżaminaw il-boton għandna dejjem inneħħu l-fenka qabel u nagħtuha xi ħaġa x'tiekol, din nerġgħu nqegħduha lura meta nkunu rajna ż-żrameġ.

Skond Darwin, il-fenek selvaġġ (Lepus cuniculus), aktarx li jkollu għaxar żejżiet (mammae) fil-waqt li l-Belgian Hare ma jkollux ħlief sitta; iżda fil-fniek domestiċi (Dutch, Flemish Giant, Chinchilla, Silver Foxes, eċċ.), dan in-numru jvarja. Dan huwa pont importanti ħafna li wieħed għandu ikun jaf dwar il-fenka tiegħu, għax hekk huwa jkun jista' jikkalkula kemm għandu jżomm żrameġ meta l-fenka tferragħ.

